**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 339/16 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi kontendenti zzewwgu nhar l-1 ta' Luju 1981 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A).

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twildux tfal.

3. Illi l-kontendenti kienu sseperaw permezz ta' kuntratt ta' seperazzjoni ppublikat min-Nutar Dr. Annalisa Caruana u dan fil-15 ta' Ottubru 2009 (Kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok B).

4. Illi l-kontendenti ddekadew reciprokament u definittaviament mill-hlas tal-manteniment.

5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

6. Illi l-esponent qieghed jesebixxi affidavit tieghu f'dan is-sens (Dok C).

7. Illi ghalhekk dawn il-fatti jissoddisfaw ir-rekwiziti tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet;

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Lulju, 2016;

Rat illi l-intimata debitament notifikata imsejjha tlett darbiet ma dehritx fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2016 u ma ipprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Ottubru 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.